**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 09/09 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 12/11/2009 fis-06.20pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369 | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Prezenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Prezenti |
| | Camilleri Claude | Prezenti |
| | Darmanin Richard | Prezenti mis 07:50 |
| | Fenech Stephanie | Assenti |
| | Hales Joseph | Asseti |
| | Pace Darrell | Prezenti sat-08:00 pm |
| | Seychell Anthony | Prezenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Prezenti sat-08:15 pm |

J. Hales kien assenti minħabba raġunijiet ta' xogħol filwaqt li S. Fenech kienet assenti minħabba impenji oħra.

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon

**09. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | Proponent:<br>Sekondant: | **Il-Minuti 08/09 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |

L-attendenza tas Sur Richard Darmanin għal laqgħa 08/09 ghandha tinbidel għal-'Assenti'.

09. 1. 2 **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**09. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2. 1 | 08.2.1 | Sindku - Mużew taż-Żejt | Is-Sindku nforma l-Kunsill li dan is-suġġett ser jigi diskuss fil-laqgħa ma' l-Onor. Dr.Chris Said nhar it-30 ta' Novembru. | Sindku / Segretarjat |
| 09. 2. 2 | 08.2.2 | Sindku - Bozza ġdida fi Triq il-Qalb ta' Gesu | Is-Sindku nforma l-Kunsill li reġgħet intbgħatet korrispondenza lill- Enemalta sabiex il-post propost oriġinarjament għat-twaħħil ta' din il-bozza, jinbidel. | Segretarjat |
| 09. 2. 3 | 08.2.3 | Sindku - Roqgħa ilma fi Triq id-daħla ta' San Tumas | Is-Sindu spjega kif l-ammont ta' ilma li kien joqgħod fiz-zona msemmija naqas aktarx minħabba l-fatt li l-kuntrattur li kien ser jagħmel ix-xogħol laħaq qatta it-tarmac. Is-Sindku ippropona sabiex isir 'culvert' fil-ġenb tat-triq li possibilment jsolvi il-problema. Il-Kuntrattur li ser jagħmel dan ix-xogħol ser jibda appena jlesti minn xogħol ieħor li għandu fil-preżent. | Sindku |
| 09. 2. 4 | 08.2.4 | Sindku - Premju Lokalitajiet Indaf | Is-Sindku irraporta fuq l-attivita li saret marbuta ma l-inizjattiva ' Premju Lokalitajiet Indaf' u ppreżenta kopja tar-rapport li sar għal din l-attivita lill-Kunsill. Is-Sindku irringrazzja lill-Vici-Sindku għax xoghol tajjeb u siewi li għamlet f'dan ir-rigward. | |
| 09. 2. 5 | 08.2.11 | Sindku - Sqaq San Isidoru | Is- Sindku irraporta li s-sitwazzjoni għadha mhix aċċettabli minħabba l-fatt li għalkhemm tela' l-ħajt protettiv l-għalqa għadha ma tndaddfitx. Il-Kunsill qabel għandha terga tinkiteb ittra lill-Mepa fuq dan il-każ. | Segretarjat |
| 09. 2. 6 | 08.2.16 | Pace - Problema tad-drenaġġ | Pace nforma l-Kunsill li minkejja li ntbgħatet il-korrispondenza neċessarja ma kien hemm l-ebda żvilupp fuq dan ir-rigward. Is-Sindku staqsa lill-Pace ukoll rigward id-devoluzzjoni tas-suq. Pace irraporta li sa l-aħħar tax-xahar il-file suppost ser ikun għand is-sur Jason Azzopardi. | Pace |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2. | 7 | 08.2.19 | Viċi-Sindku - Vaċċin ta' l-influwenza | Il-Vici-Sindku irrapurtat fuq il-vaċċin ta' l-influwenza li ingħata lill 1200 persuna u kif il-proċess sar fuq bażi ta' jumejn mis-2:00 sas - 6:00 pm mingħajr problemi. Is-Sindku, filwaqt li irringrazzja lill- Viċ- Sindku għas sehem tagħha, spjega il-mod eċċellenti kif sar dan il-proċess, b'ħamsin ruħ allokati kull nofs siegħa. Il-Viċi-Sindku spjegat kif l-unika problema kienet rigward in-nies li ma jistgħux joħorgu mid-dar (bedridden) peress li fi snin preċedenti in-nurses flimkien mal-Viċi-Sindku kienu personalment imorru mill-Kunsill fid-djar sabiex jagħtu dan il-vaċċin lill-dawn in-nies .Sfortunatament ġejna nfurmati tard bil-fatt li din is-sena l-vaċċin ma kienx ser jingħata lill nies 'bedridden' u lill nies b'mard kroniku, b'konsegwenza li spiċċajna b'madwar 45 persuna li sal-lum baqgħu mingħajr vaċċin. Il-Kunsill qabel nem.com li għandha tinkiteb ittra lid-Dipartiment konċernat dwar dan. | Segretarjat |
| 09. | 2. | 8 | 08.2.21 | Pace - Patching fi Triq John Borg | Pace nforma l-Kunsill li s-sealer fejn sar il-patching fi Triq John Borg sar. Għan-nom tar-residenti Pace irringrazzja s-Sindku għal dan ix-xogħol. | |
| 09. | 2. | 9 | 08.6.1 | Sindku - Bdil ta' garaxx f'Customer Care Unit / Kwotazzjonijiet | Is-Sindku spjega kif ix-xogħol fuq il-garaxx miexi, infetħu l-ħitan diviżorji u ħarġu l-kwotazzjonijiet għal saqaf tal-gypsum, glass curtain kif ukoll għax xiri u tqegħid tal-madum. Is-Sindku spjega kif l-ispejjeż għal dan ix-xogħol ser ikunu koperti mill-fondi li ser ningħataw mill-Gvern Ċentrali kif ukoll mill-kera li ser iħallsu id-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali għal l-użu ta' dan l-uffiċju. Il-Kuntratt ta' ftehim għal dan l-użu ġie ffirmat din il-gimgħa u ser jibdew jagħmlu użu minnu fl-1 ta' Frar 2010 għal perjodu ta' sitt xhur. Mal-kwotazzjonijiet imsemmija hawn fuq ħarget ukoll kwotazzjoni għad-dwal tal-Milied fit-toroq. | Sindku / Segretarjat |
| 09. | 2. | 10 | 08.9.12 | Pace - Periklu fi Triq il-Labour | Pace informa l-Kunsill li l-periklu fi Triq il-Labour għadu l-istess. Is-Sindku talab sabiex dan jerġa jinġieb għal l-attenzjoni tal-Pulizija filwaqt li tinkiteb ittra lid-Dipartiment tad-drenaġġ minħabba l-fatt li ma ġejniex infurmati fuq ix-xogħol li kien qed isir. Pace gibed l-attenzjoni wkoll għal-ħajt li tela maġenb ir-razzett viċin ta' Alex Mercieca liema zona suppost li hi skedata.Il-Kunsill qabel nem.con li dan għandu jinġieb għall l-attenzjoni tal-Mepa. | Segretarjat |
| 09. | 2. | 11 | 08.9.14 | Viċi-Sindku - Sinjali tat-Traffiku fi Triq Bugharbiel | Il-Vici-Sindku staqsiet rigward is-sinjali tat-traffiku li saru f'din it-triq minħabba id-diversi lmenti li kien hemm dan l-aħħar mingħand ir-residenti. Is-Sindku spjega li in-nuqqas ta' spazju għal parkegg man-naħa tar-residenti hu kawza tas-sinjal li sar fin-nofs tat-triq, liema sinjal sar mill-Koptasin skond ir-regoli ta' l-ADT. Claude talab sabiex jekk possibbli jsiru is-sinjali għal parkeġġi wkoll fi triq Arkubuzier, fi Triq Kapumasturu u Triq Wied il-Għajn. | Sindku / Darmanin |
| 09. | 2. | 12 | 08.9.19 | Tony Seychell - Water Leakage | Is-Sur Seychell irraporta li minkejja li saru diversi rapport dwar ilma ħiereg fi sqaq Streju, rega hemm leak ieħor. Is-Sindku spjega kif f'dak l-isqaq il-main spicca għal kollox. Il-Kunsill qabel li għandha tinkiteb ittra lill-Water Services fuq dan ir-rigward. | Segretarjat |
| 09. | 2. | 13 | 08.9.9 | Vici-Sindku - Sezzjonijiet ta' l-Aerobics | Il-Vici Sindku irrimarkat kif hija ħasra jekk is-sezzjonijiet ta' l-Aerobics ma jibqgħux isiru peress li dawn issa indraw sew mill-pubbliku. Is-Sindku talab sabiex tinkiteb ittra lill-Kunsill ta' l-isport sabiex naraw jekk dawn hux possibbli li dawn ikomplu. Fl-eventwalita' li dan ma jkunx possibbli is-Sindku ippropona li is-sezzjonijiet jibqgħu isiru xorta bi ħlas minimu mill-parteċipanti. | Segretarjat / Fenech |

**09. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/09. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 3. 1 | 01 | MEPA:- | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan is-sit jinsab fil-*village core* u għalhekk għandu jinżamm it-*texture* u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 09. 3. 2 | | Natalino Attard - Dipartiment tal-Gvern Lokali | Is-Sindku qara korrispondenza mibgħuta mis-sur N. Attard rigward it-talba għal- l-għajnuna finanzjara dwar l-inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf, fejn ikkonfermawlna li ser ningħataw is-somma ta' Euro 1200 hekk kif jiġu prezentati l- invoices u l-ircevuti kollha relatati ma din l-inizjattiva. | Segretarjat |
| 09. 3. 3 | | Dr. Chris Said - Segretarju Parlamentari | Is-Sindku qara korrispondenza minghand Dr. Chris Said, b'lista ta' mizuri relatati mal-operat tal-Kunsilli Lokali li thabbru fil-Budget li għadda. | |
| 09. 3. 4 | | Perit Lara Demicoli - ADT | Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Lara Demicoli fejn ressqet talba għal 'traffic mirror' fi Triq id-Dwiemes k/m Triq il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku talab lis-Sur Darmanin sabiex jinvestiga din it-talba. | Darmanin |
| 09. 3. 5 | | Perit Lara Demicoli - ADT | Is-Sindu qara din il- korrispondenza fejn saret it-talba sabiex isir 'Traffic Management' fi Triq Dun Lawrenz Degabriele fiz-Zejtun. Is-Sindku talab lis-Sur Darmanin sabiex imur fuq il post u jara jekk it-talba hix ġustifikata. | Darmanin |
| 09. 3. 6 | | Joseph Agius - Segretarju Ghaqda Banda Zejtun | Is- Sindku qara l-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Agius, fejn qal li l-kumitat ippropona li l-premju Carlo Diacono jingħata liz-zewg bandisti aħwa : Priscilla Desira u Arielle Desira. Il-Kunsill qabel nem.con peress li xorta ser jinghata trofew wieħed, ma jsib l-ebda oġezzjoni. | Seychell |

**09. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 09. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/09 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 09/09 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 09. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 09/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**09. 5. Ikla ta' l-Ewwel tas- Sena**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 5. 1 | | | Is-Sindku ippropona sabiex l-ikla tal-Milied issir nhar is-Sibt, 23 ta' Jannar 2010. Il-post ghadu jrid jiġi deċiz. | |

**09. 6. Kartolina tal-Milied**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 6. 1 | | | Is-Sur Seychell irraporta li din il-gimgħa ttieħdu ritratti tal-presepju u l-bambin li hemm fl-istitut Gesu' Nazzarenu sabiex jintuzaw biex issir il-Kartolina tal-Milied. | Seychell /Segretarjat |

**09. 7.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 09. 7. 1 | | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. |

**09. 8.** **Affarijiet Ohra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 1 | | Sindku - Gbir ta' l-iskart domestiku | Is-Sindku rega gab għall l-attenzjoni tal-Kunsill il-fatt li t-tariffa għar rimi ta' l-iskart domestiku fil-barriera għoliet drastikament b'effett mill l-1 t'Ottubru 2009. Is-Sindku spjega kif bħalissa miż-Żejtun qed jidħlu medja ta' 14 il-tunellata skart kull ġurnata, meta skond l-istatistika ta' l-NSO suppost jidħlu biss madwar 9 tunellati. Is-Sindku qal li l- mira tal-proġett li għandu l-Gvern Ċentrali hi li l-Kunsilli jaħdmu aktar favur is-separazzjoni ta' l-iskart sabiex din id-diskrepanza tonqos. | |
| 09. 8. 2 | | Sindku - Ġbir ta' Skart separat | Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Vici- Sindku ġiet avviċinata mill-GreenPak li lesti li jaħdmu mal-Kunsill f'dan ir-rigward. Bħala kampanja edukattiva ser jitlesta fuljett ta' nformazzjoni fuq is-separazzjoni ta' l-iskart finanzjat mill-Greenpak u ser jingħataw il-boroż tas-separazzjoni lir-residenti kollha mill-GreenPak ukoll.. Il-Vici Sindku infurmat lill-Kunsill li l-fuljett ser jitqassam mis-sotto-kumitat tagħha, fejn in-nies li ser ikunu qed iqassmu dan il-fuljett ser jingħataw it-taħrig meħtieg minn raprezentanti tal-Greenpak. Is-Sindku nforma l-Kunsill li għalkhemm il-proposta tal-Greenpak kienet li huma jagħmlu kuntratt dirett mal-kuntratturi, is-sindku ippropona li l-kollezzjoni ta' l-iskart għandha tibqa fir-responsabbilta assoluta tal-Kunsill. Għalhekk ġie deċiz li l-Kunsill għandu jagħmel il-kuntratt mal-Greenpak u jibqa jifthiem mal - kolletturi il-Kunsill. Il-Kunsill qabel nem.con. | Vici-Sindku / Segretarjat |
| 09. 8. 3 | | Rachael Xuereb / Christa Farrugia -Pjan Stretegiku għall-Gal Xlokk | Is-Sindku introduċa lill-Rachael Xuereb u Christa Farrugia mill-kumpanija ADI li huma responsabbli sabiex ifasslu l-pjan strategiku tal-Gal Xlokk. R. Xuereb infurmat lill-Kunsill li għal Gal Xlokk il fondi jammontaw għal 1.3 miljun ewro sa l-2013 u spjegat kif l-Adi ser tgħin lil-Gal Xlokk jifforma l-istrateġija tiegħu billi qed jagħmlu analiżi tar-reġġjun kif ukoll qed jaraw l-opinjoni pubblika. Xuereb qalet li din l-istrateġija trid tkun lesta sa l-aħħar ta' din is-sena u ser tkun iffukata fuq erba mizuri : ' il-marketing', l-awareness' , l-investiment u l-istudju. Farrugia infurmat lill dawk preżenti li sfortunatatament ma ingħatawx l-istatistika meħtiega mill MRRA .Is-sindku irrimarka li f'din l-istrategijja jixtieq li jidħlu n-nuqqasijiet li hemm fil-lokal, bħal nuqqas ta' provvista tad-dawl f'zoni agrikoli kif ukoll nuqqas ta' servizz tad-drenagg fiz-zona ta' San Girgor li tagħti lejn Marsaskala u San Niklaw.Is-Sindku ġibed l-attenzjoni wkoll li f'din l-istrategija għandna nħarsu lejn il-wirt tar-reġġjun b'mod ħolistiku, fejn jiġu rimarkati dawk il-'policies' li bħalissa qed ixekklu l-izvilupp ta' dan il-wirt | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 09. 8. 4 | Sindku - Gnien Brejgu | Is-sindku nforma l-Kunsill li x-xogħol strutturali fuq Ġnien Brejġu beda u wasal biex jingħalaq. Kif mifthiem ix-xogħol sar bl-istess Perit u Kuntratturi li ħadmu f'Gebel San Martin b'estensjoni ta' l-istess kuntratti. Ix-xogħol ta' kisi tal-ħitan fuq dan il-proġett ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill filwaqt li l-wiċċ tal-mogħdijiet ser isiru mill-kuntrattur li ħadem f'Gebel San Martin appena l-Kunsill ikollu l-fondi neċessarji. Id-dwal ser isiru LED mill fondi - Skema Energy Saving. | Sindku / Segretarjat |
| 09. 8. 5 | Joan Agius / Claude Camilleri - tapit fil Kindergarten | Il-Viċi sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li numru ta' ġenituri qiegħdin jilmentaw fuq il-kundizzjoni ħazina tat-tapit li jinsab fl-entratura tal-bitħa tal-kindergarten u li għaldaqstant qed joħloq periklu għat-tfal. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb ittra lid-dipartiment ta' l-edukazzjoni dwar dan. | Segretarjat / Camilleri |
| 09. 8. 6 | A. Seychell - Kunċert ta' l-Għid | Is-Sur T. Seychell staqsa jekk hux ser isir il-Kuncert ta' l-Għid is-sena d-dieħla. Ġie mifthiem li minħabba n-nuqqas ta' konkorrenza fis-snin li għaddew, ikun aħjar jekk din is-sena ssir xi attivita oħra relatata ma dawn il-festi. | Seychell |
| 09. 8. 7 | Sindku - Laqgħa mal-Beland | Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Għaqda Beland jixtiequ jagħmlu laqgħa mal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill dawk preżenti li din ser tiġi skedata għal jiem li ġejjin. | Sindku / Segretarjat |
| 09. 8. 8 | Sindku - Ittra mill NSTS | Is-Sindku nforma l-Kunsill li rcevejna proposta mingħand l-NSTS sabiex naċċettaw studenti barranin jaħdmu mal-Kunsill għal perjodu ta' zmien. Il-Kunsill laqgħa din it-talba fejn b'mod reċiproku ser tingħata opportunita' ukoll lill-studenti Żwieten sabiex japplikaw biex imorru fuq btala ta' xogħol barra minn Malta. | Sindku / Segretarjat |
| 09. 8. 9 | Sindku - Kas ma' Clementa Bartolo | Is-Sindku spjega kif is-Sinjura Clementa Bartolo tkellmet mal- Viċi Sindku fejn talbet il-permess sabiex tagħmel rampa fuq il-bankina quddiem ir-residenza tagħha sabiex din tkun aktar aċċessibli ghall- 'Wheelchair' tar-raġel. Fid-dawl li rampi fuq il-bankina bil-liġi mhux permessi il-Viċi-Sindku ma setgħetx tilqa din it-talba . Is-sindku kompla jispjega kif is-sinjura Bartolo b'arroganza kbira qalet lill-Viċi-Sindku li l-Kunsill mhux l-ewwel darba li ta' permessi ta' din ix-xorta u saħansitra għamel dawn it-tip ta' rampi wkoll. Meta kellmet lis- Sindku isugerilha sabiex taqla l-aħħar pied mill-parapett u tamel ir-rampa f'dik il parti. Is-Sinjura Bartolo qatt ma kienet semmiet mal-Viċi-Sindku li għandha parapett. Is-Sindku kompla jispjega wkoll li waslet formola mingħand l-ADT ghal reserved parking tas-Sinjura Bartolo li trid timtela u tinbgħat hekk kif tkun saret l-ispezzjoni fuq il-post, liema spezzjoni ma saritx mill-Viċi-Sindku peress li illum stess il-Vici - Sindku ikkuntattjat lis-Sinjura Bartolo izda din ta' l-aħħar ma tagħtix permess li tidħol fir-residenza tagħha.<br>Il-Kunsill iddeċieda li s-sinjura Bartolo trid timxi mar-regoli għalhekk il-formola għadha ma ntbatitx. | Sindku / Vici-Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fil 11:00pm pm. Laqgħa oħra ser issir il-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2009 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv